21 ta' Marzu 2019
38/2019

**LEJN SOLUZZJONI SOSTENIBBLI FL-AĊĊESSIBBILTÀ BEJN MALTA U GĦAWDEX**

STQARRIJA MILL-KUMMISSJONI INTERDJOĊESANA AMBJENT

Aktar ma għadda ż-żmien aktar il-kwistjoni dwar it-titjib fl-aċċessibbiltà bejn Malta u Għawdex saret tema rikorrenti fid-diskussjonijiet f'pajjiżna. Diversi entitajiet qed isemmgħu leħinhom fuq il-kwistjoni. Jidher li qed jinħass tħassib dwar kif qed tkun ġestita din il-kwistjoni, tant li wħud minnhom saħansitra bidlu l-opinjoni tagħhom u issa ħarġu kontra l-proġett tal-mina. Il-Kummissjoni Interdjoċesana Ambjent (KA) ħasset il-bżonn biex, minbarra li terġa' tfakkar dak li kienet qalet fuq din it-tema u prinċipji relatati magħha fi stqarrijiet imgħoddija, toffri r-riflessjonijiet tagħha għal diskussjoni aktar bilanċjata u infurmata.

**Prinċipju gwida**

Fl-enċiklika tiegħu *Laudato Si'* l-Papa Franġisku joffri l-prinċipji li fuqhom għandhom jittieħdu deċiżjonijiet importanti bħal dawk li qed jiġu proposti:

> *Studju tal-impatt ambjentali m'għandux isir wara li jiġi mfassal proġett produttiv jew xi politika, pjan jew programm. Għandu jkun parti mill-proċess sa mill-bidu u jitfassal b'mod interdixxiplinari, trasparenti u indipendenti minn kull pressjoni ekonomika jew politika. Għandu jkun marbut mal-analiżi tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-effetti li jista' jkun hemm fuq is-saħħa fiżika u mentali tal-persuni, fuq l-ekonomija lokali, u fuq is-sigurtà pubblika. B'hekk ir-redditi ekonomiċi jistgħu jkunu mbassra b'mod aktar realistiku, billi jitqiesu xenarji potenzjali u l-ħtieġa eventwali għal aktar investiment biex tikkoreġi effetti mhux mixtieqa li jistgħu jinqalgħu. Dejjem hemm bżonn li jinkiseb kunsens fost id-diversi atturi soċjali li jistgħu joffru varjetà ta' approċċi, soluzzjonijiet u alternattivi. Iċ-ċittadini tal-lokal għandhom ikollhom post speċjali madwar il-mejda; għax huma konċernati mill-futur tagħhom u ta' wliedhom, u jistgħu jikkunsidraw għanijiet li jmorru lil hinn mill-interess ekonomiku immedjat. Jeħtieġ iwwarrbu l-idea ta' "interventi" fuq l-ambjent, dan sabiex nagħtu lok għal politika li tkun maħsuba u diskussa mill-partijiet kollha interessati. Il-parteċipazzjoni tal-partijiet kollha interessati titlob li*

Kurja tal-Arċisqof
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana, Malta

Indirizz Postali
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1
Il-Furjana FRN 1520, Malta

Tel. +356 2124 1281
Email. media@maltadiocese.org
www.knisja.mt

*kulħadd ikun mgħarraf sew dwar dawn il-proġetti, u r-riskji u l-possibbiltajiet marbutin magħhom; dan jinkludi mhux biss id-deċiżjonijiet li jittieħdu fil-bidu imma azzjonijiet ta' kontroll u l-monitoraġġ kontinwu. L-onestà u l-verità huma meħtieġa fid-diskussjonijiet xjentifiċi u politiċi li jsiru; u dawn m'għandhomx ikunu limitati biss għall-kwistjoni ta' jekk proġett partikulari hux permess mil-liġi jew le.*[1]

Abbażi ta' dawn il-prinċipji, il-KA qed tagħmel dawn il-kummenti u rakkomandazzjonijiet:

## 1. Ħtieġa ta' studji u analiżi serja dwar l-alternattivi għal aċċessibbiltà aħjar

Dan l-aħħar qed jiġi ppreżentat xenarju fejn l-unika soluzzjoni vijabbli għall-aċċessibbiltà bejn iż-żewġ gżejjer hija mina għal vetturi bejn Malta u Għawdex. Din id-diskussjoni ilha sejra sa mis-snin sebgħin, u għalhekk il-KA ma tistax tifhem kif ġiet adottata viżjoni limitata (bħalma jgħidu bl-Ingliż 'a tunnel vision') dwar il-mina, mingħajr ma jiġu mqabbla u anke ppruvati alternattivi oħrajn li jaqdu l-ħtiġijiet ta' min jaqsam il-fliegu. Il-KA temmen li ma teżisti l-ebda informazzjoni soda u rigoruża, u li hija pubblika, li permezz tagħha wieħed ikun jista' jgħarbel l-alternattivi kollha biex l-aċċessibbiltà titjieb tassew. Bħalissa l-pubbliku qed ikun magħluf b'informazzjoni u dikjarazzjonijiet li mhumiex sostanzjati b'evidenza xjentifika, kwalifikata u pubblika.

F'laqgħa organizzata minn Wirt Għawdex fid-18 ta' Marzu, iċ-Ċermen tal-Kumitat dwar il-Proġett tal-Mina pprova jserraħ ras dawk preżenti li l-proġett m'għandu l-ebda impatt negattiv, b'argumenti msejsa fuq wegħdiet u suppożizzjonijiet u xejn tanġibbli.[2] Min-naħa l-oħra, ċerti paraguni li saru dwar kemm iniġġsu l-vapuri tal-Gozo Channel u l-karozzi li jittrasportaw, aktar joħolqu mistoqsijiet milli joffru tweġibiet, aktar u aktar fl-assenza tal-pubblikazzjoni tal-istudju msemmi.

Minkejja l-wegħdiet li saru fil-passat, l-alternattivi ta' vapur ieħor għall-Gozo Channel u fast ferry service għadhom ma twettqux. Il-proċess tas-sejħiet għall-offerti għal fast ferry service qajjem u għadu jqajjem ħafna mistoqsijiet, bir-riżultat li dan is-servizz għadu ma sarx realtà. Fast ferry service minn Għawdex għal postijiet f'Malta li huma konvenjenti għall-ħtiġijiet tal-Għawdxin jista' jtaffi bil-bosta l-problemi ta' aċċessibbiltà, għax l-Għawdxin ma jinqabdux fit-traffiku f'ċerti postijiet f'Malta. Ħafna Għawdxin għadhom jiftakru kemm kienu moqdija sew meta kien għadu jitħaddem is-servizz

[1] Enċiklika *Laudato Si'*. Kap. 5, par. 183. http://w2.vatican.va/content/francesco/en/encyclicals/documents/papa-francesco_20150524_enciclica-laudato-si.html
[2] https://www.tvm.com.mt/mt/news/il-vapuri-tal-gozo-channel-iniggsu-13-il-darba-aktar-mill-vetturi-li-jgorru-kieku-juzaw-il-mina/

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1
Il-Furjana FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**

tal-Fast Ferry (li kien jaħdem ukoll minn Marsalforn) li kien ikkumbinat mas-servizz tal-Gozo Channel għaċ-Ċirkewwa, is-servizz tal-merkanzija għal Sa Maison u s-servizz tal-ħelikopter għall-ajruport.

Is-sajf magħna, u l-Gozo Channel xorta għadha bi tliet vapuri biss li issa ilhom jaħdmu madwar tmintax-il sena. Fin-nuqqas ta' titjib ta' servizz eżistenti u/jew l-introduzzjoni ta' servizzi ġodda li ma jirrekjedux investimenti sostanzjali meta mqabbla ma' mina, bilfors jissaħħu l-argumenti favur mina, meta l-alternattivi la qed jingħataw ċans jaraw id-dawl u wisq anqas nilħqu naraw l-effett tagħhom. Iktar ma jittardjaw li jidħlu fis-seħħ dawn l-alternattivi, li jirrikjedu ammont ħafna inqas ta' investiment minn mina, iktar tinbiegħ l-idea li l-mina hija l-unika soluzzjoni għal kull ħtieġa li għandu Għawdex. Jekk ma noqogħdux attenti, dan jista' jiżviluppa f'forma ta' inġinerija soċjali li tmur direttament kontra kull sforz sabiex tinstab l-aħjar soluzzjoni għall-ġid komuni tas-soċjetà.

Il-KA tħoss li għandha tistaqsi: Jekk issir il-mina, x'jista' jiġri mill-Public Service Obligation (PSO) li għandha l-Gozo Channel? X'jiġri mis-sostenibbiltà finanzjarja ta' din il-kumpanija? Jibqa' permess li l-kumpanija tkun sostnuta minn fondi pubbliċi?

## 2. Is-servizz tal-ħelikopter bejn Malta u Għawdex

Il-KA tinnota b'sodisfazzjon li l-Gvern ikkommetta ruħu mal-poplu Għawdxi li jerġa' jintroduċi dan is-servizz bejn Malta u Għawdex,[3] u tittama li l-istudji kollha li mistennija jsiru dwar dan is-servizz jiġu ppubblikati b'mod sħiħ ħalli, b'konsultazzjoni ma' kulħadd, l-impatti negattivi li jistgħu jkunu kkawżati minn dan is-servizz ikunu, kemm jista' jkun, imnaqqsa. Il-KA tifhem li, b'din id-deċiżjoni, il-Gvern ġustament qed jagħraf li dan is-servizz itejjeb l-aċċessibbiltà tat-turisti għal Għawdex u jagħti servizz xieraq ta' aċċessibbilità lill-Għawdxin għall-ajruport ta' Malta.

Fl-istess ħin, il-KA tħoss li huwa tat-tħassib li servizz ta' aċċessibbiltà ta' emerġenza permezz ta' ħelikopter bejn l-isptar ta' Għawdex u l-isptar prinċipali f'Malta mar lura flok 'il quddiem. Għal bosta snin kien hemm servizz ta' emerġenza li 'jqarreb' iż-żewġ sptarijiet u jagħmel il-vjaġġ fl-inqas ħin possibbli. Minkejja l-iżviluppi fl-Isptar ta' Għawdex u f'Mater Dei, jidher ċar li llum dan is-servizz, mhux talli mhuwiex effiċjenti, imma qiegħed saħansitra jkun ta' riskju għall-pazjenti. Biżżejjed ngħidu li l-punt tat-tluq u l-wasla tal-ħelikopter m'għadux ftit metri 'l bogħod mis-swali ta' emerġenza tal-isptarijiet imsemmija, iżda issa qiegħed kilometri 'l bogħod: fix-Xewkija u fl-Isptar

[3] https://www.tvm.com.mt/mt/news/il-gvern-ihabbar-li-se-jintroduci-s-servizz-ta-helikopter-bejn-malta-u-Għawdex/

San Luqa. Il-KA tħoss li, fl-interess tal-Għawdxin, dan is-servizz ta' emerġenza għandu jissaħħaħ immedjatament, u li l-proposta tal-mina m'għandha tkun qatt ippreżentata bħala alternattiva għas-servizz tal-ħelikopter li wara kollox ma jiddependix mit-traffiku biex iwassal pazjenti Għawdxin fil-ħin l-isptar ta' Malta.

## 3. Wegħdiet elettorali

Fil-proposti għall-elezzjoni tal-2017, il-KA kienet appellat biex ma jsirux wegħdiet dwar proġetti partikulari dwar l-użu tal-art jew art speċifika.[4] Il-KA kienet sostniet li meta jsir hekk, il-bżonn li jsir studju serju tal-impatt ambjentali u s-sostenibbiltà tal-proġett ikun qed jiġi mminat għax 'il-poplu jkun iddeċieda'. Wegħdiet ta' dan it-tip jivvizzjaw il-proċess kollu tal-ippjanar li għandu jħares l-interess komuni li jkun se jiġi affettwat bl-iżvilupp. Rebħa elettorali m'għandhiex tintuża sabiex jinqabeż proċess li jevalwa l-impatti kumplessi ta' xi proġett partikulari. Jekk dan isir, il-poplu jkun imċaħħad mid-dritt tiegħu li jkollu l-fatti kollha quddiemu ħalli bil-kalma jkun jista' jgħarbel sew il-proġett propost. Dan il-punt il-KA kienet sostnietu wkoll fl-appell lill-partiti politiċi waqt konferenza organizzata fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni tal-enciclika *Laudato Si'*, fejn semmiet li "proposti ta' dan it-tip iżommu ostaġġ il-ġid komuni".[5]

Proposta ta' użu tal-art għal skop speċifiku fi programm elettorali ma tkunx tfisser illi, ġaladarba dak il-programm jiġi approvat mill-poplu, allura l-Gvern mhuwiex obbligat li josserva l-liġijiet tal-pajjiż li jkunu daħlu fis-seħħ permezz tar-rappreżentanti tal-istess poplu. Il-Gvern dejjem għandu l-obbligu li jħares u jużа bil-għaqal ir-riżorsi tal-pajjiż billi jħares lejn alternattivi oħra li jwasslu għall-istess oġġettiv li l-poplu jkun ivvota għalih. Huwa ta' tħassib li l-Gvern jidher li qed jippromovi proġett ta' mina għall-vetturi biss, meta l-programm elettorali, filwaqt li jsemmi "tunnel", ma jsemmix jekk dan hux għal vetturi jew ferrovija.[6]

## 4. Analiżi tal-ispiża u l-benefiċċji tal-alternattivi

Il-KA tistenna li ssir u li tkun ippubblikata b'mod sħiħ Analiżi tal-Ispiża u l-Benefiċċji (Cost–Benefit Analysis, CBA) tad-diversi alternattivi għall-mina għall-vetturi biss.

---

[4] *Għoxrin proposta lill-partiti politici għall-Elezzjoni Ġenerali 2017,* 11 ta' Mejju 2017. http://ms.maltadiocese.org/WEBSITE/2017/KA/NEW/37%20KA%20PROPOSTI%20ELEZZJONI%20GENERALI%20MT.PDF

[5] *Proposti tal-KA ispirati mill-enċiklika Laudato Si' tal-Papa Franġisku dwar l-Għożża tad-Dar Komuni*, 5 ta' Diċembru 2015. http://thechurchinmalta.org/files/article/138_KA_PROPOSTI_-_KNISJA.144933985025.pdf

[6] *L-Aqwa Żmien ta' Pajjiżna* - Konnettività aħjar li tixraq lil Għawdex pġ. 67. http://www.one.com.mt/news/wp-content/uploads/2017/05/MANIFEST-2017.pdf

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1
Il-Furjana FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**

Dawn l-alternattivi jinkludu: servizz ta’ fast ferry, vapur ieħor għall-Gozo Channel, tibdil tal-flotta kollha tal-Gozo Channel, u mina għal ferrovija (hekk kif issuġġerit mill-Assoċjazzjoni tat-Turiżmu f’Għawdex) li tkun parti minn sistema nazzjonali ta’ mass transit għall-Gżejjer Maltin.

Il-KA tistenna li jkun hemm konsultazzjoni pubblika dwar dawn l-alternattivi sabiex l-alternattivi jkunu verament mistħarrġa kollha. B’konsultazzjoni pubblika f’dan l-istadju jingħata lok għal kompetizzjoni ta’ ideat minn intrapriżi innovattivi (li verament jixirqilhom dan l-isem), u li jaħdmu fis-settur marittimu, tat-transport, tal-kostruzzjoni u tal-inġinerija li jistgħu jwasslu biex tinstab l-aqwa soluzzjoni mil-lat ekonomiku, ambjentali u soċjali, għall-problema tal-aċċessibbiltà bejn Għawdex u Malta.

Is-CBA huwa obbligatorju jekk il-Gvern japplika għal fondi ta’ ċertu daqs mill-Unjoni Ewropea. Iżda l-KA tħeġġeġ lill-Gvern biex, ukoll jekk ma jintalbux fondi mill-Unjoni Ewropea, is-CBA u l-konsultazzjoni pubblika dwar l-alternattivi jsiru xorta waħda, sabiex id-deċiżjoni finali tkun tassew waħda li tkun għarblet kemm l-alternattivi kollha kif ukoll l-impatti tagħhom għall-ġid tal-futur sostenibbli ta’ Għawdex. Hemm possibbiltà reali ħafna li l-impatti finanzjarji, ekonomiċi, ambjentali, kulturali u soċjali tal-alternattivi, u r-riskji marbutin mal-istess alternattivi jkunu iktar pożittivi (jew inqas negattivi) minn dawk ta’ mina għal vetturi biss.

Il-fatt li ż-żewġ partiti politiċi ewlenin jistgħu jaqblu bejniethom li mina għal vetturi hija l-aqwa alternattiva għal Għawdex (minkejja n-nuqqas tal-istudji meħtieġa ppubblikati fl-intier tagħhom) ma jagħmilx il-proġett aħjar minn alternattivi oħra. Qbil fuq kwistjoni bħal din bejn partiti politiċi qatt ma jista’ jieħu post studji kredibbli. Il-KA tixtieq tfakkar kemm saru diskorsi miż-żewġ partiti aktar minn għaxar snin ilu dwar il-ħtieġa li Malta u Għawdex ikollhom korsa tal-golf kull wieħed sabiex titkattar l-ekonomija u t-turiżmu. Ovvjament dan kollu sar f’nuqqas ta’ studji serji li kienu jagħtu kredibbiltà lil din il-pożizzjoni. Il-proġetti ma sarux; għadda ż-żmien u d-diżastri mbassra ma seħħewx. Wieħed jitkexkex meta jġib quddiem għajnejh kemm kienu jitilfu l-gżejjer tagħna kieku ngħata widen għad-diskors li sar. Il-KA tittama li f’din il-kwistjoni tal-mina terġa’ tirbaħ ir-raġuni.

Ma rridux ninsew li, bil-mina jew mingħajrha, xorta waħda jrid ikun hemm servizz ta’ vapur bejn Malta u Għawdex. L-ewwel nett għal skopijiet turistiċi, minħabba l-fatt li t-turisti x’aktarx jippreferu jgawdu l-veduti tal-kampanja fi triqthom lejn il-vapur u l-veduti tal-baħar minn fuq il-vapur, milli jaraw kilometri ta’ ħitan ta’ mina. It-tieni, għaliex irid ikun hemm alternattiva f’każ li l-mina jkollha tingħalaq temporanjament minħabba xi raġuni jew oħra.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta’ Malta, P.O. Box 1
Il-Furjana FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**

Proġett massiv u irreversibbli ta' mina għandu r-riskju (iktar minn dak ta' proġetti inqas massivi) li l-ispiża finali tkun ħafna ogħla milli pproġettat. Imma altru tmur żmerċ bi ftit miljuni, u altru d-differenza tkun ta' ħafna miljuni, liema piż ikun irid jinġarr mill-poplu kollu.

## 5. Ħlas għas-servizz ta' aċċessibbiltà

L-affordabbiltà ta' kull ħlas għas-servizz li toffri kull alternattiva huwa aspett importanti ħafna li jrid jiġi studjat anke fil-qafas tar-regolamenti ta' Għajnuna Statali (State Aid). Is-servizz ta' aċċessibbiltà permezz ta' mina taħt il-baħar jew alternattivi oħra ma jistax ikun b'xejn. L-ebda proposta ta' proġett ta' aċċessibbilità aħjar, anke jekk ikun hemm marbut magħha Public Service Obligation, mhi se tkun b'xejn, la għal min jużah, la għall-operatur, u wisq inqas għall-Gvern u għal kull min iħallas it-taxxi. Il-KA ttenni dak li qalet dwar is-suġġett f'Ottubru tal-2013: biex ikun hemm deċiżjoni matura dwar il-proġett finali, il-prezz li wieħed irid iħallas għas-servizz ta' aċċessibbiltà għandu jkun studjat bil-galbu u ppubblikat minn qabel ma tittieħed id-deċiżjoni ta' liema alternattiva hija l-aħjar.[7]

Ma jagħmilx sens li biex alternattiva li tkun ġiet magħżula tidher attraenti, il-prezz għas-servizz fil-bidu jkun baxx biex imbagħad jogħla sostanzjalment wara numru qasir ta' snin. Il-proċess tas-sejħa għall-offerti ma jrid iħalli lok għall-ebda suspett, u l-pakkett li jkun se jitgawda minn min jirbaħ it-tender—tkun xi tkun l-alternattiva—għandu jkun ċar u pubbliku. Smajna b'wisq każijiet dwar valutazzjonijiet 'innovativi' li minflok jimpressjonaw bl-innovazzjoni tagħhom iktar iġiegħlu lil wieħed jiskanta bl-iskandlu li jkunu ħolqu.

## 6. Impatti ekononomiċi, ambjentali, soċjali u kulturali fuq Għawdex taħt id-diversi alternattivi

L-effetti ambjentali, soċjali u kulturali fuq Għawdex huma aspetti fundamentali li jridu jiġu studjati bir-reqqa. Permezz ta' mina hemm periklu li Għawdex jiġrilu bħal Malta li, f'ħafna nħawi tilfet is-sbuħija tal-pajsaġġ karatteristiku tagħha. L-istess effetti għandhom ikunu studjati fuq il-komunità tan-nies li għal mijiet ta' snin ilhom dokumentati li kienu jgħixu fl-inħawi ta' fejn hu propost li tiżbokka l-mina fl-inħawi ta' L-Għerien/L-Imbordin/Il-Manikata. Li jsir proġett li jinjora minoranza żgħira ħafna

[7] *Pajjiżna ma jiflaħx aktar għal żvilupp li mhux sostenibbli*, Stqarrija tal-KA, 15 ta' Ottubru 2013. http://ms.maltadiocese.org/WEBSITE/2017/KA/12.%202013-10-15%20-%20%c5%bbvilupp%20Sostenibbli.pdf

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1
Il-Furjana FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**

tal-popolazzjoni, li minkejja ċ-ċokon tagħha hija għanja fl-istorja u fil-kultura, huwa periklu għal kull komunità żgħira f'Malta u Għawdex li tipprova tissalvagwardja patrimonju kulturali uniku fil-Gżejjer Maltin.

Dan l-aħħar saru stqarrijiet kemm mill-Gvern kif ukoll mill-Malta Developers Association li bit-tħaffir ta' mina, Għawdex mhux se jinbena.[8] Il-KA ma tistax tifhem fuq liema bażi fattwali qed isiru dawn l-istqarrijiet. L-istorja, l-esperjenza u ħarsa madwarna jgħallmuna x'jiġri meta l-Gvern u l-iżviluppaturi jimxu fuq l-istess binarji.

Biex il-Gvern jgħaddi għall-fatti fuq stqarrijiet bħal dawn, kulma jrid jagħmel hu li: (i) jippublika l-Pjan Lokali għal Għawdex li ilu lest is-snin u fih juri b'mod ċar li l-linji tal-iżvilupp qed jiġu ffriżati (ii) jemenda b'mod urġenti ir-Rural Policy and Design Guidance biex iwaqqaf il-bini ta' djar 'il barra miż-żoni tal-iżvilupp li jitilgħu minflok borġ ġebel għaliex din il-policy qed tilleġittimizza abbużi ta' ppjanar imsejsa fuq argumenti legalistiċi li la jagħmlu ġieħ lil min jipproponihom u lanqas lil min jagħmel użu minnhom, u (iii) jirrevedi minnufih il-Fuel Stations Policy.

Inutli li l-Gvern jgħid li ma estendiex iż-żoni tal-iżvilupp, meta qed japprova policies ta' ppjanar li jippermettu li jsir żvilupp mhux aċċettabbli f'żoni 'il barra miż-żoni ta' żvilupp. Iż-żieda fil-prezzijiet tal-proprjetà f'Għawdex—bħala riżultat ta' għażla ta' alternattiva ta' aċċessibbiltà flok oħra—għandu l-potenzjal li joħloq kriżi għall-Għawdxin li jridu jixtru proprjetà f'Għawdex stess. Il-vantaġġi relattivi li ġġib soluzzjoni jew oħra għall-aċċessibbiltà, għandhom il-potenzjal li jkunu mhedda serjament minn kriżi fil-prezzijiet tal-proprjetà f'Għawdex.

Dan l-aħħar issemma l-argument (mingħajr mhu sostanzjat bi studji ppubblikati), li biex metro jew ferrovija jkunu vijabbli trid tiżdied il-popolazzjoni f'Għawdex. Bl-istess argument bosta postijiet f'Malta u Għawdex ma jistgħux jiġu servuti mid-distributuri tal-gass jew mis-servizz tal-karozzi tal-linja, għax dawn ir-rotot waħedhom mhumiex vijabbli. Imma mina li tintuża minn ferrovija li tagħmel parti minn sistema nazzjonali tista' tkun vijabbli speċjalment jekk l-ewwel fażi ta' din is-sistema tkun waħda li minn Għawdex twassal għall-isptar Mater Dei u għall-Belt Valletta. Ma jfissirx li b'alternattivi għal mina għall-karozzi, is-servizz tal-linja minn Għawdex għall-isptar Mater Dei u eventwalment għall-ajruport ma jistax ikun b'xejn ukoll. Huwa ta' tħassib li l-possibbiltà

[8] http://www.independent.com.mt/articles/2019-02-17/local-news/Building-a-tunnel-should-not-mean-building-up-Gozo-MDA-president-Sandro-Chetcuti-6736203775 u https://www.timesofmalta.com/articles/view/20190217/local/tunnels-trains-and-tarmac-muscat-details-plans-for-infrastructure-of.702285

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1
Il-Furjana FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**

ta' mezz ta' trasport tal-massa qed tiġi skartata, tal-inqas għall-mument. Dan ma japplikax biss għall-aċċessibbiltà bejn Malta u Għawdex imma għall-pajjiż kollu.

L-aspett ekonomiku jrid jiġi studjat fid-dettall u jmur lil hinn mill-idea li aċċessibbiltà aħjar (tkunx il-mina jew kwalunkwe mezz ieħor) tista' ssolvi l-problemi kollha ekonomiċi u ta' investiment f'Għawdex. F'dan il-kuntest, il-KA titlob li jiġu ppubblikati l-istudji u l-istħarriġ kollha (inklużi l-metodoloġiji tar-riċerka adottati u l-kwestjonarji li ġew amministrati) li saru dwar Għawdex mill-Gvern, u li fihom ġew studjati l-kwistjonijiet tal-investiment f'Għawdex, l-aċċessibbiltà u l-opportunitajiet ta' xogħol li jistgħu jinħolqu permezz ta' mina jew mezzi oħra ta' aċċessibbiltà aħjar. X'qed iżomm milli iktar investituri jinvestu f'Għawdex? Id-distanza biss minn Malta u l-portijiet u l-ajruport tagħha huma l-ostaklu għall-investiment f'Għawdex, jew hemm fatturi oħra li bil-mina jew mingħajrha xorta waħda l-investiment jibqa' ma jiġix? Hemm diversi fatturi li jinfluwenzaw jekk investitur jinvestix jew le f'Għawdex, u mina tista' ma tkun qed tindirizza l-ebda minn dawn il-fatturi.

## 7. L-ogħla standards fil-proċess kollu tal-għażla tal-alternattiva

Kull proġett ta' aċċessibbiltà bejn Malta u Għawdex—bl-idea li jkun finanzjat b'mod sħiħ mill-privat—jista' ma jkunx vijabbli taħt ċerti parametri. Għalhekk, biex dan ikun vijabbli jistgħu jittieħdu diversi miżuri bħal: (i) li ssir applikazzjoni għal fondi mill-UE (dan ifisser li l-investitur iħallas inqas għall-ispiża kapitali) (ii) li jiżdiedu n-nollijiet meta mqabbla ma' dawk li qed jitħallsu bħalissa u (iii) li l-investitur jingħata kumpens sostanzjali, inkluż art biex tiġi żviluppata f'Għawdex jew f'Malta. Dawn il-possibbiltajiet iridu jkunu ċari mal-publiku ħalli jkunu magħrufa l-fatti kollha dwar l-aħjar għażla għas-servizz ta' titjib fl-aċċessibbiltà.

Għal kull proġett ta' aċċessibbiltà bejn il-gżejjer, għandu jkun hemm l-ogħla standards ta' trasparenza, valur għall-flus, kompetizzjoni ta' vera bejn kull min hu interessat li jidħol għall-proġett, u fuq kollox li l-proġett ikun sostenibbli minn kull lat: ambjentali, soċjali u ekonomiku, u mhux ikun wieħed li joħloq iktar problemi milli jippretendi li jkun qed isolvi.

Għalhekk, f'dan l-istadju, il-KA tappella lill-uffiċjali tal-Awtorità tal-Ippjanar, tal-Awtorità għar-Riżorsi u Ambjent, tal-Uffiċċju tal-Focal Point tal-iStrategic Environment Assessment (SEA Focal Point) u ta' Transport Malta biex jiżguraw li d-Direttivi tal-Environmental Impact Assessment (EIA) u tal-iStrategic Environment Assessment (SEA) jiġu implimentati b'mod sħiħ u mingħajr ebda logħob legalistiku bħalma ġara fil-każ tat-tibdil tal-masterplan ta' Smart City. Il-KA tappella wkoll lid-Dipartiment

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1
Il-Furjana FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**

tal-Kuntratti u lill-Awditur Ġenerali biex jiżguraw li l-proċess ta' għażla ta' alternattiva waħda jew numru ta' alternattivi għat-titjib fl-aċċessibbiltà bejn Malta u Għawdex ikun wieħed li ma jħalli lok għall-ebda dubju u li tassew joffri valur għall-flus minfuqa għall-iżvilupp ta' Għawdex. Fuq kollox, il-proġett magħżul m'għandux joħloq impatti negattivi li jkollhom jitħallsu minn Għawdex u mill-Għawdxin infushom.

Il-KA għal darb'oħra ssemmi l-kriżi ta' nuqqas ta' spazji fejn jintrema l-iskart tal-bini (li min għandu għajnejh f'wiċċu ilu s-snin jaraha ġejja), u waħda mill-alternattivi li ssemmiet hi li dan jintrema l-baħar biex issir reklamazzjoni tal-art. Bi proġett ta' mina, il-volumi ta' materjal li jrid jitħaffer huwa ta' dimensjoni li l-pajjiż qatt ma ra bħalha. Il-KA tittama li l-għazla tal-alternattiva għal aċċessibbiltà aħjar ma tkunx influwenzata mill-interessi ta' min għandu f'moħħu xi proġett ta' reklamazzjoni.[9]

## 8. Għawdex u l-Għawdxin tassew jixirqilhom l-aħjar – fost kollox ir-rispett lejn l-intelliġenza

Fil-proposti li għamlet lill-partiti politiċi għall-elezzjoni tal-2017, il-KA kienet qalet: "L-Għawdxin jaffaċċjaw sfidi kbar biex ikollhom is-sehem mistħoqq mill-ġid komuni tan-nazzjon. Għalhekk, il-proċess tal-għażla tal-aħjar mezz ta' aċċessibbiltà bejn il-gżejjer għandu jgħarbel u jikkunsidra bir-reqqa l-fehma tal-Għawdxin. Il-proċess tal-għażla għandu jkun wieħed li fih il-protagonisti jkollhom moħħ miftuħ għal kull possibbiltà li tagħmel sens għall-pajjiż kollu.

Biex ikun hemm deċiżjoni aħħarija li tkun ta' ġid għal pajjiżna, imma f'dan il-każ għal Għawdex u għall-Għawdxin b'mod partikulari, jeħtieġ li jkun hemm: (i) trasparenza fl-istadji kollha tal-proċess tad-deċiżjoni (ii) il-pubblikazzjoni tal-istudji kollha (**qabel** u mhux wara li tittieħed deċiżjoni) (iii) jingħata żmien diċenti biex dawn l-istudji jiġu analizzati minn kull min huwa interessat u (iv) proċess rigoruż ta' ppjanar. Fl-assenza ta' dawn il-prinċipji, il-KA tħoss li l-opinjonijiet li jissawru dwar l-aħjar mod ta' aċċessibbiltà bejn il-gżejjer ma jkunux infurmati. B'hekk jista' jiġri li settur privileġġat ikun qed jinfluwenza b'mod mhux imparzjali u proporzjonat deċiżjoni tant importanti li taffettwa b'mod permanenti mhux biss lil Għawdex u lill-Għawdxin, imma lill-pajjiż kollu".[10]

---

[9] Ara: *X'jonqosna nissagrifikaw minn pajjiżna?* Stqarrija tal-KA, 9 ta' Frar 2019.
http://thechurchinmalta.org/mt/posts/78678/xjonqosna-nissagrifikaw-minn-pajjizna
[10] *Għoxrin proposta lill-partiti politiċi għall-Elezzjoni Ġenerali 2017,* Stqarrija tal-KA, 11 ta' Mejju 2017.
http://ms.maltadiocese.org/WEBSITE/2017/KA/NEW/37%20KA%20PROPOSTI%20ELEZZJONI%20GENERALI%20MT.PDF

Matul is-snin, Għawdex u niesu kkontribwixxew bis-sħiħ għall-iżvilupp tal-pajjiż minn kull aspett. F'dan il-kuntest il-KA tapprezza l-kontribut ta' imprendituri u ta' min iħaddem li għenu biex Għawdex jimxi 'l quddiem u jibqa' joffri opportunitajiet ta' xogħol u sostenibbiltà għall-għejxien tal-familji fil-gżira. Tapprezza wkoll l-isforzi ta' dawk li b'mod ġenwin ħadmu u għadhom jaħdmu biex ir-realtajiet soċjali, ekonomiċi u ambjentali ta' Għawdex jibqgħu jiġu sostnuti mingħajr ma jtellfu l-karatteristiċi uniċi ta' din il-gżira.

Is-soluzzjoni għall-iżvilupp verament sostenibbli ta' Għawdex ma tinstabx fil-logħob tal-kliem, ħabi ta' veritajiet, manipulazzjoni tal-fatti, jew nuqqas ta' trasparenza. Lanqas ma għandha tkun magħġuna mill-interessi ta' xi investitur b'detriment għall-ġid komuni. Irridu nserrħu rasna li jkun xi jkun il-mezz ta' titjib fl-aċċessibbiltà, dan ikun akkumpanjat mill-istrutturi kollha meħtieġa biex Għawdex u l-Għawdxin verament ikollhom l-opportunitajiet kollha li jilħqu livell ogħla ta' żvilupp sħiħ.

## Konklużjoni

Fi ftit kliem, sabiex ikunu żgurati t-trasparenza u proċess adegwat ta' konsultazzjoni pubblika, il-KA tappella lill-Gvern biex jippubblika b'mod sħiħ l-istudji u l-istħarriġ li saru dwar:

a) L-alternattivi kollha għall-aċċessibbiltà aħjar bejn Malta u Għawdex, u liema minn dawn l-alternattivi (waħda jew aktar) toffri/joffru l-aħjar aċċessibbiltà b'mod sostenibbli mil-lat ambjentali, soċjali, ekonomiku u operazzjonali;

b) L-opportunitajiet ta' xogħol u investment f'Għawdex li jistgħu jinħolqu permezz ta' dawn l-alternattivi;

c) Il-fatturi li xorta jżommu investituri milli jinvestu f'Għawdex meta dawn l-alternattivi, jew għall-inqas xi waħda minnhom, ikunu twettqu.

Il-pubblikazzjoni tal-istudji u l-istħarriġ għandhom jinkludu l-metodoloġiji li ntużaw u l-kwestjonarji li ġew amministrati (fejn dan kien il-każ).

Fl-aħħarnett, il-KA terġa' tappella għall-pubblikazzjoni ta' studji u riċerka li saru, sabiex l-argumenti li qed jinġiebu jkunu tassew kredibbli u jikkontribwixxu b'mod validu f'diskussjoni pubblika serja u rispettuża fl-interess tal-ġid komuni u tal-aħjar futur għal pajjiżna.